MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 45/2000/1

Citazzjoni numru 45/00

Toni Xerri

vs

Victoria Attard

Il-Qorti,

Rat ic-citazjoni tal-attur li tippremetti, illi:

“fit-13 ta’ Ottubru 1999 ghal habta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar (3.30pm) filwaqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAV 168, fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, b’nuqqas ta’ hsieb, b’negligenza, bi traskuragni u b’nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habtet mal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABB 294, illi kienet misjuqa mill-attur illi

kien niezel fin-naha tal-karreggjata tieghu minn Ghajnsielem fid-direzzjoni tal-Imgarr, Ghawdex;

Illi b'rizultat ta' dan l-incident, li gara unikament htija tal-konvenuta, l-attur sofra danni kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi l-konvenuta naqset illi tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni dovuti lill-attur;

TALAB ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku fuq riferit illi sehh unikament minhabba nuqqas ta' hsieb, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn naha tal-konvenuta;

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur;
3. tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata u bl-imghaxijiet skond il-ligi;

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Dicembru 1999.

U bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet:

1. illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:

2. fl-ewwel lok mhuwiex minnu illi fil-mument tal-incident l-esponenti kienet qeghdha ssuq il-vettura taghha; ghall-kuntrarju hija kienet wieqfa f'petrol station tistenna lil ta' quddiemha jehles sabiex timla' l-vettura taghha bil-petrol;

3. fit-tieni lok lanqas huwa minnu illi hija habtet mal-vettura tal-attur izda ghall-kuntrarju kien l-attur illi hakem lill-vettura tal-esponenti fuq in-naha ta’ wara taghha u bid-daqqa sahansitra spostjaha minn postha;

4. fit-tielet lok l-incident gara unikament tort u htija tal-attur minhabba illi huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu b’velocita ferm akbar minn dik konsentita mil-ligi. Jigi spjegat hawnhekk illi l-velocita’ massima f’arja mibnija hija ta’ hamsin kilometru fis-siegha; u fit-triq traffikuza u fil-vicinanzi ta’ petrol station bhalma kien il-lokal tal-incident huwa konsiljabbli illi bniedem isuq b’velocita’ anqas minn daqshekk. Issa, kif anka jixhdu l-brakes imhollija mill-vettura tal-attur u d-daqqa li laqtet il-vettura tal-esponenti, l-attur kien miexi b’velocita’ ta’ mill-anqas hamsa u sebghin kilometru fis-siegha.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni annessa u l-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali;

Ikkunsidrat:

Il-kawza titratta kollizjoni li grat fi Triq Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, precisament quddiem il-pompa tal-petrol, ossija dik li hija mizbugha roza. Huwa fatt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka ‘Opel’ numru ta’ registrazzjoni ABB 294, niezel ghan-nizla fuq il-karreggjata tieghu fid-direzzjoni tal-port ta’ l-Imgarr, cioe’ minn naha fejn tinsab il-pompa tal-petrol. Il-konvenuta, da parti taghha, kienet gejja mid-direzzjoni opposta issuq il-vettura taghha tal-marka ‘Hyundai’ numru ta’ registrazzjoni IAV 168 u fil-waqt li waslet oppost ghall-pompa tal-petrol iddirigiet il-vettura taghha ghal gewwa l-istess stazzjon.  Jirrizulta wisq car mill-iskizz tal-pulizija li

fil-mument tal-kollizjoni l-vettura tal-konvenuta kienet gja gewwa l-perimetri tal-istazzjon, fatt li jixhdu l-hsara subita miz-zewg vetturi li tirrizulta fuq il-parti ta' quddiem tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-attur u l-genb ta' wara (rasenti l-fanal) tax-xellug tal-vettura tal-konvenuta. Fatti ohra rizultanti huma li mill-karregjata tal-konvenuta kienu qed jittransitaw ringiela karozzi, li t-triq kienet niexfa, u li l-attur halla tnejn u tletin metri 'brake marks'.

L-attur qieghed jitlob ir-risarciment tad-danni subiti fil-vettura tieghu. Huwa ovvju li jirnexxi fl-azzjoni biss jekk jipprova u jirrizulta li l-incident gara tort n-negilenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-parti l-ohra.

Meta xehed quddiem din il-Qorti stqarr li kien niezel fuq it-'top gear' u spjega li f'daqqa u l-hin sab karozza tostakola l-passagg liberu tieghu. Zied jghid li l-konvenuta qabdet u harget ghal fuq il-karreggjata tieghu u li l-habta kienet frontali.  Il-konvenuta stqarret
li riedet tidhol fl-istazzjon, harset, u mil-lemin taghha, cioe' mill-karreggjata opposta, rat li ma kien niezel hadd, bdiet il-manuvra biex tidhol fl-istazzjon, dahlet u waqfet fiha. Spjegat illi ma setghetx tidhol immedjatament fejn il-pompa ghaliex kien hemm mara anzjana li kienet qeghdha taqsam timbotta 'push chair'.  Meta kienet wieqfa kienet parallela mal-pompa, li wara tal-karozza taghha kien sporgut 'il barra mill-pompa fis-sens li l-karozza taghha ma kinitx interament fuq is-siment jigifieri fl-arja tal-pompa tal-petrol izda li seta' kien il-kaz illi r-rota tax-xellug ta' wara kienet kemm kemm tmiss l-asfalt tat-triq; hawnhekk hasset id-daqqa fuq wara. In kontro-ezami spjegat li dahlet angolata fl-istazzjon, li mad-daqqa kienet wieqfa, iddawwret, u spiccat kif jidher fl-iskizz.

Mill-fatti specje tal-kaz, ix-xhieda, l-iskizz u r-ritratti jirrizulta lil din il-Qorti li t-tort ghall-kollizjoni ghandu jgorru interament l-attur. Fil-fehma tal-Qorti ghandu jkun ovvju li l-attur kien qieghed isuq b'velocita mhux adattata ghal-lokal, kif jixhdu l-'brake marks', b'tali mod li ma jistax jinghad li kellu l-kontroll shih tal-vettura. Di piu' naqas li jara dak li kien palesament u interament fil-viswalita'

tieghu li jara – senjatament vettura fl-istazzjon tal-petrol, fuq kollox wieqfa, u li assolutament ma kinitx qeghdha tostakola l-passagg tieghu. Fi kliem iehor il-Qorti kkonkludiet li kien l-attur li pogga lilu nnifsu f'inkapacita' li jevita l-kollizjoni li hija attribwibbli ghan-negligenza, imperizja u eccess ta' velocita' da parti tieghu.

Inghad dan ghalhekk m'hemm ebda danni li l-attur huwa intitolat li jigi risarcit mill-konvenuta.

Ghaldaqstant, tiddeciedi l-kawza billi tichad t-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------